# Stqarrija għall-istampa

**Emendi legali biex jiżguraw bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-Parlament - qabża lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'Malta**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tilqa' l-iżviluppi parlamentari li fil-prattika se jwasslu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-isfera politika. L-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta u Diversi Liġijiet (Emenda) li bħalissa jinsab fl-istadju tat-tieni qari, se *"jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta biex jintroduċi miżuri pożittivi neċessarji u raġonevoli f'soċjetà demokratika sabiex tiżgura l-ugwaljanza de facto bejn in-nisa u l-irġiel fil-politika u wkoll emendi fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali sabiex jiżdied in-numru ta' kummissjonarji elettorali u jiżgura rappreżentanza ugwali bejn is-sessi."* [1]

Din l-inizjattiva importanti hija żvilupp storiku. Din il-proposta hija r-riżultat tar-*Riforma dwar il-Bilanċ bejn is-Sessi fil-Parlament* li għandha l-għan li tindirizza d-defiċit demokratiku attwali minħabba r-rappreżentanza verament baxxa u persistenti tan-nisa fl-isfera politika. Għal għexieren ta' snin, Malta konsistentement waqgħet lura minn pajjiżi oħra fil-bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel fil-Parlament kif muri mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020 u r-Rapport Globali dwar id-Differenza bejn is-Sessi tal-2020. L-aħħar statistika tal-2020 turi li r-rappreżentanza tan-nisa fil-Parlament Malti kienet biss ta' 13.4% meta mqabbla ma' 32.8% tal-medja Ewropea (UE 28)[2].

Miżuri pożittivi mmirati biex jaċċelleraw l-ugwaljanza *de facto* bejn in-nisa u l-irġiel huma diġà minquxa fl-Artikolu 45 (11) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li *'jipprovdu għat-teħid ta' miżuri speċjali bil-għan li tiġi aċċellerata l-ugwaljanza de facto bejn l-irġiel u n-nisa, u sa fejn biss dawk il-miżuri, iqisu t-tessut soċjali ta' Malta, jintwerew li huma raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika.'*

Miżuri pożittivi huma meħtieġa b'mod ċar biex ikissru l-*istatus quo* u jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi li jirriżultaw minn ostakli storiċi u strutturali li jiffaċċjaw in-nisa fis-soċjetà. L-implimentazzjoni tal-miżuri proposti se tkun strumentali għat-tisħiħ ta' soċjetà demokratika bil-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fl-ogħla istituzzjoni nazzjonali għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

---

[1] https://www.parlament.mt/en/13th-leg/bills/bill-no-119-constitution-of-malta/
[2] https://eige.europa.eu/gender-statistics/dgs/indicator/wmidm_pol_parl__wmid_natparl

L-NCPE tistenna bil-ħerqa li tara din l-inizjattiva ssir realtà għall-benesseri tas-soċjetà Maltija kollha.

**11 ta' Jannar 2021**